MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 823/2001/1

**Avviz numru 823/01DM**

**Executive Services Ltd
Vs
Joseph Falzon u Jason Briffa f'isimhom proprio u kif ezercenti n-negozju ta' 'Kelly's Child Care Centre' u s-Socjeta' 'Child Care Ltd.'**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta'elf, seba'mija u tletin liri Maltin u hamsa w'sebghin centezmu (Lm1,730.75), rappresentanti reklamar u servizzi ohra moghtija lilkom mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li minn issa gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Falzon fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici, in kwantu huma diretti kontra l-eccippjenti personalment, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante illi huwa qatt ma kkontratta personalment mas-socjeta’ attrici.
2. Huwa ma jesercita ebda negozju la bl-isem ‘Kelly’s Child Care Centre’ u lanqas ma huwa direttur jew ghandu r-rappresentanza guridika tas-socjeta’ Child Care Limited.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-kumpanija attrici rrendiet servizzi ta’ reklamar u ‘art work’ lill-kumpanija ‘Child Care Ltd’ rappresentata mill-konvenut Jason Briffa ghal valur komplessiv ta’ elf seba’ mija u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1, 730.75) u skond ir-rendikont dettaljat dok ‘ESL 1’ a fol. 30 tal-process.

Infatti mill-ittra tal-konvenut Jason Briffa tal-11 ta’ Mejju, 2000, dokument ‘ESL 4 a fol. 33 tal-process, jirrizulta r-rikonoxximent tal-kreditu ta’ l-atturi, u rrizulta wkoll li l-istess servizzi kienu a beneficcju wkoll ta’ l-istess Jason Briffa personalment li jiggestixxu wkoll ghall-kummerc taht l-isem ta’ ‘Kelly’s Child Care Centre’.

Infatti huwa rrikonoxxa li huwa debitur ta’ l-atturi kemm ghal ‘Kelly’s Child Care Centre’ kif ukoll bhala ‘Managing director’ ta’ ‘Child Care Limited’.

Inoltre l-istess konvenut Briffa ghall-kumpanija ‘Child Care Limited’ ghalkemm debitament notifikat ma kkontestawx it-talba attrici u Jason Briffa lanqas ma deher biex jirrispondi ghad-domanda attrici in subizzjoni intiza biex tipprova li huwa debitur fl-ammont mitlub fl-avviz.

Ghal dak li jirrigwarda l-konvenut Joseph Falzon ma jirrizulta xejn li jista’ jimplikah fit-transazzjonijiet in kwistjoni, infatti ma jirrizultax li qatt agixxa f’isem il-konvenuti l-ohra jew li kien interessat fin-negozju gestit minnhom.

Jirrizulta pero’ illi Jason Briffa kien, bi pretensjoni ta’ pagament lill-atturi, spedixxa ‘cheque’ lill-istess atturi fuq kont bankarju ntestat “Mr. J. Falzon ‘A/C Child Care’ (ara dokument ‘JS1’ a fol. 40), liema ‘cheque’ pero’ ma kienx gie onorat jew imsarraf mill-bank.

Jirrizulta wkoll ‘icto oculi’ li l-istess ‘cheque’ kien gie mahrug u ffirmat esklussivament mill-istess Jason Briffa u ghalhekk hu x’hinu l-isem moghti lill-kont u minn min gie miftuh, dan ic-‘cheque’ wahdu ma jista’ qatt iwassal biex jimplika lill-konvenut Joseph Falzon bhala responsabbli ghad-debiti tal-konvenuti l-ohra.

Lanqas kieku l-istess ‘cheque’ kien effettivament iffirmat mill-istess konvenut Falzon ma seta’ jwassal oltre r-responsabbilita’ tal-firmatarju ghall-ammont, l-import ta’ c-cheque’.

U iktar l-istess Joseph Falzon, oltre dak rikjest minnu, spjega li ghalkemm il-kont bankarju kien fethu huwa stess u kien irregistrat fuq ismu, kien il-konvenut Jason Briffa li kien jamministrah u jmexxi l-istess kont u kien ukoll l-istess Briffa il-firmatarju awtorizzat.

Bil-gurament Falzon ikkonferma wkoll li ma kellu xejn x’jaqsam fin-negozju tal-konvenuti l-ohra.

Konsegwentement issib illi t-talba attrici fil-konfront ta’ Joseph Falzon ma hiex gustifikata, u filwaqt li tilqa’ l-

eccezzjonijiet ta’ l-istess konvenut, tirrespingi t-talba attrici fil-konfront tieghu.

Izda t-talba attrici tirrizulta ampjament fil-konfront ta’ Jason Briffa proprio u ghan-nom ta’ ‘Kelly’s Child Care Centre’ u fil-konfront tal-kumpanija ‘Child Care Limited’ u konsegwentement tilqa’ it-talba attrici fil-konfront taghhom u tikkundannhom sabiex in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ elf, seba’ mija u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,730.75) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, oltre l-imghax legali mit-28 ta’ Frar, 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Jason Briffa, ‘Kelly’s Child Care Centre’ u ‘Child Care Limited’ in solidum bejniethom, hlief dawk tal-konvenut Joseph Falzon li huma a karigu ta’ l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------